**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 204/17 CZ**

**GO plc**

**vs.**

**Tom Carleer**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 t'April 2017 li biha premettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mija u tnejn u erbghin Euro u hamsin centezmu (€3,142.50), in kwantu ghal elfejn, sitt mija u sebgha u erbghin Euro (€2,647.03) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numuru 40305884; mija u disgha u disghin Euro u tnejn u ghoxrin centemzu (€199.22) in konnessjoni ma' servizzi

migbura fil-kont bin-numru 40242295; u mitejn u sitta u u disghin Euro u hamsa w ghoxrin centezmu (€296.25) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40235385.

Illi s-servizzi migbura fil-kontijiet bin-numri 40305884 u 40242295 gew kuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd., liema socjeta' giet, b'effetti mid-19 ta' Dicembmru 2015, amalgamata fis-socjeta GO p.l.c.

Illi interpellat sabeix jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 1040/16, u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 ta' Gunju 2016, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mija u tnejn u erbghin Euro u hamsin centezmu (€3,142.50) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba, u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur